MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 719/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD CHARLES SPITERI**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**BERNARD CURMI ta’ 23 sena, iben Carmel u Silvia nee’ Mamo, imwieled tal-Pieta’ nhar il-11.03.1987, residenti fil-fond numru 271, Triq Hal-Qormi, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 136 087M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **BERNARD CURMI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21.06.2008 ghall-habta tat-tlieta ta’ fil-ghodu, minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ Havana, li jinsab

Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta' handbag li kien fih is-somma ta' €135, digital camera tal-ghamla Pentax li hi ta' valur ta' €419.29, u mobile ta' l-ghamla LG Prada li hu ta' valur ta' €465.88 ghad-dannu ta' Leanne Falzon liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bil-valur, liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro (€232.94), izda li mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat li din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta' Bernard Curmi stante li saret separazzjoni tal-gudizzju.

Rat li fi stadju ta' l-interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ghall-akkuzi lilu dedotti;

Rat ukoll illi gie ezebit il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' l-ufficjali tal-pulizija, cioe' PS 746 u PC 445, li kollha qalu li raw lil Bernard Curmi u persuna ohra jaharbu mill-pulizija hdejn il-Westrin Dragonara. Hemm raw zewg guvintur, wiehed b'handbag f'idju. Gew ghalhekk arrestati Kurt Mifsud u Bernard Curmi.

Xehdet ukoll bhala d-derubata Leanna Falzon li spjegat li kienet qieghda go Havana, Paceville. Minn hemm insterqilha basket tad-ditta Fendi, mobile LG Prada u ammont ta' flus fuq €100. Xehdet li l-handbag in kwistjoni xtratu circa mitejn Sterlina. Gharfet ir-res furtiva hawn imsemmija.

L-imputat Bernard Curmi ghazel illi jixhed minn jeddu. Hawn qal illi kien siehbu Kurt Mifsud li ra l-handbag ma' l-art u l-imputat ra dan il-handbag f'id Mifsud. Ma kienx jaf ta' min kien dan il-handbag. Qal illi l-handbag kienu ser inizzluh ghand il-pulizija.

Fl-istqarrija tieghu Bernard Curmi qal illi hargu mill-Havana u siehbu sab handbag ma' l-art u gabru. Qal illi baqghu mexjin u kif waslu hdejn id-Dragonara raw il-pulizija, u siehbu rema l-handbag. Anke hawn qal illi l-handbag kienu ser jiehduh l-Ghassa.

Ikkunsidrat:

Illi mhux kontestat minn dak rizultanti li Curmi flimkien ma' siehbu hadu (skond huma sabu) il-basket mehud. Xehed illi dan instab ma' l-art. Tghid fil-fatt Leanne Falzon li vera hemm hallietu, u sakemm dawret wiccha gheb.

Illi li certament jirrizulta li mix-xhieda ta' PC 33 Mercieca li l-handbag res furtiva nstab f'idejn Kurt Mifsud li mieghu kien hemm l-imputat odjern. Kull ma seta' jghidilna aktar car dan ix-xhud kien illi fil-fatt ra lil xi hadd minn dawn il-guvintur jarmi xi haga fil-haxix.

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont dawn il-provi prodotti, din il-Qorti ma tistax tqis illi l-Prosekuzzjoni waslet biex tipprova dak minnha allegat;
Ghaldaqstant, qieghda tillibera lil Bernard Curmi mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------